**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001

**Numru 3**

**Avviz numru 257/01JR**

**Master Wine Ltd u b'degriet tas-17 ta' Mejju, 2001, wara l-kliem Master Wine Ltd. ghandhom jidhlu l-kliem "illum maghrufa bl-isem ta' Master Distributors Ltd."**

**vs**

**Franco Arcidiacono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 t'April, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u dsatax-il lira Maltija tmienja u tmenin centezmu (Lm119.88) ammont dovut ghall-merkanzija mibjugha mis-socjeta attrici lill-konvenut gewwa il-Veneziano f'Bugibba;**

**Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra bonarja tal-21 ta' Jannar, 2001, ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Frar, 2001 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament ingunt baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward. Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Cutajar ghas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u dsatax-il lira Maltija tmienja u tmenin centezmu, bl-imghax legali mill-20 ta' Frar, 2001 sal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tal-21 ta' Jannar, 2001 u ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Frar, 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**